**MT**

MT MT

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 08.02.2007
COM(2006) 744 final

***GREEN PAPER***

**dwar ir-Reviżjoni ta' l-*Acquis* tal-Konsumatur**

**(imressqa mill-Kummissjoni Ewropea)**

**MT** **MT**

*GREEN PAPER*

**dwar ir-Reviżjoni ta' l-*Acquis* tal-Konsumatur**

**(imressqa mill-Kummissjoni Ewropea)**

# WERREJ


1. Introduzzjoni ... 3

2. Sfond ... 3

2.1. Għan u status tar-Reviżjoni ... 3

2.2. Ir-relazzjoni bejn ir-Reviżjoni u leġiżlazzjoni oħra Komunitarja ... 5

3. Il-kwistjonijiet ewlenin ... 6

3.1. Żviluppi Ġodda tas-Suq ... 6

3.2. Frammentazzjoni tar-Regoli ... 6

3.3. Nuqqas ta' Fiduċja ... 7

4. Għażliet possibbli għall-ġejjieni ... 8

4.1. L-għażla I: l-istrateġija vertikali ... 8

4.2. L-Għażla II: l-istrateġija mħallta (Strument orizzontali mħallat flimkien, fejn meħtieġ, ma' l-azzjoni vertikali) ... 8

4.3. L-Għażla III: "ebda azzjoni leġiżlattiva" ... 9

4.4. L-ambitu possibbli ta' Strument Orizzontali ... 9

4.5. Il-grad ta' Armonizzazzjoni ... 10

4.6. Il-konsultazzjoni fl-Anness I ... 11

ANNESS I: ISSUES FOR CONSULTATION

ANNESS II: CONSUMER DIRECTIVES UNDER REVIEW

## 1. INTRODUZZJONI

Permezz ta' din il-*Green Paper* il-Kummissjoni Ewropea qed titlob lil dawk interessati biex jesprimu fehmiethom dwar il-kwistjonijiet identifikati fil-kuntest tar-Reviżjoni ta' l-*Acquis* tal-Konsumatur billi jibagħtu t-tweġibiet tagħhom (immarkati "*Response to the Green Paper on the Review of Consumer Acquis"* ("Tweġiba għall-*Green Paper* dwar ir-Reviżjoni ta' l-*Acquis* tal-Konsumatur") mhux aktar tard minn 015/05/2007 fl-indirizz li ġej.

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur
Rue de la Loi 200
1049 Brussell
Il-Belġju

jew permezz ta' email lil SANCO-B2@ec.europa.eu

Se jiġu ppubblikati tweġibiet u osservazzjonijiet fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali tas-Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur tal-Kummissjoni Ewropea sakemm dawk li jwieġbu ma jindikawx biċ-ċar l-oġġezzjonijiet tagħhom. Il-Kummissjoni se teżamina l-kontribuzzjonijiet u tippubblika ġabra tagħhom fil-qosor fl-ewwel nofs ta' l-2007. Fuq il-bażi tar-riżultat tal-konsultazzjoni, il-Kummissjoni se tiddeċiedi jekk hijiex meħtieġa inizjattiva għal leġiżlazzjoni. Kwalunkwe proposta għal leġiżlazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn valutazzjoni ta' l-impatt.

## 2. SFOND

### 2.1. Għan u status tar-Reviżjoni

Il-Kummissjoni nediet ir-Reviżjoni ta' l-*Acquis* tal-Konsumatur fl-2004[1] bl-għan li tikseb iżjed il-miri tagħha ta' Regolamentazzjoni Aħjar billi tissimplifika u tikkompleta l-qafas regolatorju eżistenti. Il-proċess ta' reviżjoni huwa deskritt fil-qosor fil-Komunikazzjoni ta' l-2004 dwar il-Liġi Kuntrattwali Ewropea u r-reviżjoni ta' l-*acquis*: It-Triq 'il Quddiem[2].

Din ir-Reviżjoni tkopri tmien direttivi li jimmiraw lejn il-ħarsien tal-konsumatur[3]. L-għan predominanti tar-Reviżjoni huwa li jinkiseb suq intern reali tal-konsumatur li jsib l-aħjar bilanċ bejn livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur u l-kompetittività ta' l-intrapriżi, filwaqt li jitħares ir-rispett strett lejn il-prinċipju ta' sussidjarjetà. Fi tmiem l-eżerċizzju, idealment, għandujkun possibbli li jingħad lill-konsumaturi ta' l-UE, "tinsab fejn tinsab fl-UE jew tixtri minn fejn tixtri mill-UE ma tagħmel l-ebda

[1] COM(2004) 651 finali, ĠU C 14, 20.1.2005, p. 6

[2] COM(2004) 651 finali, ĠU C 14, 20.1.2005, p .6

[3] Imniżżla fl-anness II. Huwa importanti li jiġi nnutat li dak li huwa ġeneralment imsejjaħ bħala l-'*Acquis* tal-Konsumatur' ma jkoprix il-leġiżlazzjoni kollha tal-ħarsien tal-konsumatur fl-UE. Id-Direttiva adottata dan l-aħħar dwar Prassi Kummjerċjali Inġusta, pereżempju, taqa' barra mill-*Acquis* tal-Konsumatur. Flimkien ma' dan, ħafna dispożizzjonijiet li jimmiraw lejn il-ħarsien tal-konsumatur jistgħu jinsabu fil-leġiżlazzjoni ta' l-UE speċifika għas-settur, bħalma hija l-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-kummerċ elettroniku, u s-servizzi finanzjarji.

differenza: id-drittijiet essenzjali tiegħek huma l-istess". Dan huwa f'konformità ma' l-istrateġija li ħadet il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha "Aġenda taċ-Ċittadini – il-kisba tar-riżultati għall-Ewropa"[4]. Fi kliem ieħor, il-fiduċja tal-konsumaturi fis-suq interna għandu jkun stimulat permezz ta' l-assigurazzjoni ta' livell għoli ta' ħarsien madwar l-UE. Il-konsumaturi għandhom ikunu jistgħu jistrieħu fuq id-drittijiet ekwivalenti u jirrikorru għal rimedji ekwivalenti jekk xi ħaġa tmur ħażina.

Għandna wkoll nassiguraw li n-negozji, mhux anqas l-SMEs, jistgħu jibbenefikaw minn ambjent regolatorju aktar prevedibbli u b'regoli aktar sempliċi ta' l-UE sabiex jitnaqqsu l-ispejjez ta' konformità u, b'mod aktar ġenerali, jippermettulhom li jikkummerċjalizzaw b'mod aktar faċli madwar l-UE, irrispettivament minn fejn huma stabbiliti.

Ir-Reviżjoni ta' l-*Acquis* tal-Konsumatur tista' tipprovdi opportunità unika għall-immodernizzar tad-direttivi eżistenti tal-konsumatur, sabiex tissemplifika u ttejjeb l-ambjent regolatorju kemm għall-professjonisti kif ukoll għall-konsumaturi u ttejjeb jew testendi, jekk meħtieġ, il-ħarsien offrut lill-konsumaturi. Dan huwa kompletament konformi mal-modernizzazzjoni tas-Suq Intern. Għal dan il-għan, id-direttivi qegħdin jiġu riveduti b'mod ġenerali u individwalment biex jidentifikaw il-qabżiet regolatorji u n-nuqqasijiet li jeffettwawhom kollha kemm huma kif ukoll il-problemi speċifiċi għad-direttivi individwali. Kif maħsub fl-Ewwel Rapport Annwali ta' Progress[5], din il-*Green Paper* tikkonkludi l-fażi dijanjostika tar-reviżjoni, tiġbor is-sejbiet inizjali tal-Kummissjoni u tagħmel sejħa għal opinjonijiet dwar xi għażliet biex jiġi rrivedut l-*acquis* tal-konsumatur. Is-sejbiet tal-Kummissjoni huma dak li ħareġ mill-attivitajiet li ġejjin:

– Analiżi komparattiva dwar kif jiġu applikati d-Direttivi fl-Istati Membri, inklużi l-ġurisprudenza u l-prassi amministrattiva[6]

– F'Diċembru 2005, il-Kummissjoni stabbilit grupp ta' ħidma permanenti ta' esperti mill-Istati Membri. Saru tliet laqgħat iddedikati għar-reviżjoni tad-Direttivi speċifiċi fl-2006.

– Saru għadd ta' laqgħat ta' ħidma tal-partijiet interessati organizzati fil-kuntest tal-ħidma fuq il-Qafas Komuni ta' Referenza dwar il-liġi tal-kuntratti matul l-ewwel semestru ta' l-2006. Dawn il-gruppi ta' ħidma kkonċentraw fuq kwistjonijiet ta' liġi tal-kuntratti direttament rilevanti għar-Reviżjoni ta' l-*Acquis* tal-Konsumatur[8].

---

4 COM(2006) 211 finali

5 L-Ewwel Rapport Annwali tal-Kummissjoni dwar il-Liġi Ewropea tal-Kuntratti u r-Reviżjoni ta' l-Acquis, COM (2005) 456 finali.

6 L-Analiżi Komparattiva tal-Liġi tal-Konsumatur tal-KE jinsab fl-internet, fl-indirizz http://ec.europa.eu/consumers/cons_int/safe_shop/acquis/index_en.htm.

7 Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Liġi Ewropea tal-Kuntratti u r-reviżjoni ta' l-acquis: il-mixja 'l quddiem, COM(2004)651 finali, u l-Ewwel Rapport Annwali tal-Kummissjoni dwar il-Liġi Ewropea tal-Kuntratti u r-Reviżjoni ta' l-Acquis, COM (2005) 456 finali.

8 It-temi diskussi kienu jinkludu: il-bejgħ ta' oġġetti tal-konsumaturi (inkl. ir-responsabbiltà diretta tal-produtturi), it-termini inġusti tal-kuntratti, impenji ta' tagħrif pre-kuntrattwali fil-kuntratti tal-konsumaturi, id-drittijiet tal-konsumatur ta' rtirar u d-drittijiet tal-konsumatur għad-danni. Ara t-Tieni

– L-analiżi dwar l-attitudnijiet tal-konsumaturi u l-kummerċ lejn leġiżlazzjoni eżistenti fl-oqsma tal-ħarsien tal-konsumatur u l-effetti tagħha fuq il-kummerċ transkonfinali[9]

Barra minn dan, il-Kummissjoni evalwat kif id-Direttivi varji li qegħdin jiġu riveduti ġew trasposti fl-Istati Membri. Ġew ippubblikati rapporti ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-Direttivi dwar il-Prezzijiet Unitarji[10] u dwar il-Bejgħ mill-Bogħod[11]; ir-rapporti ta' implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Bejgħ ta' Oġġetti u Garanziji ("Id-Direttiva dwar Bejgħ lill-Konsumatur")kif ukoll tad-Direttiva ta' l-Inġunzjonijiet għandhom jiġu ppubblikati f'qasir żmien.

Flimkien mal-ħidma mwettqa, il-partijiet kollha interessati għandhom jiġu kkonsultati dwar il-problemi speċifiċi li ġew identifikati mill-Kummissjoni matul ir-reviżjoni tad-Direttivi tal-Pakketti ta' l-Ivvjaġġar u l-Bejgħ Bieb Bieb. Dawn se jiġu indirizzati fid-dokumenti ta' ħidma li għandhom jiġu ppubblikati fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali tas-Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur. Il-Kummissjoni identifikat għadd ta' problemi marbuta ma' prodotti turistiċi ta' medda twila ta' żmien li jeħtieġu soluzzjoni malajr. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni bdiet ħidma fuq proposta għal reviżjoni tad-direttiva tat-*Timeshare*[12]

## 2.2. Ir-relazzjoni bejn ir-Reviżjoni u leġiżlazzjoni oħra Komunitarja

Minħabba l-wisa' tal-medda koperta mill-*acquis* tal-konsumatur u d-duplikazzjoni ma' direttivi oħra tas-suq intern l-impatt ta' kwalunkwe eżitu propost għal *Green Paper,* fuq taqsimiet bħalma huma l-kummerċ elettroniku jew id-drittijiet ta' propjetà intellettwali jeħtieġ li jiġi evalwat.. B'mod partikolari, is-segwitu għall-*Green Paper* m'għandux jippreġudika l-ħidma tal-klawsola tas-suq intern tad-Direttiva tal-kummerċ elettroniku.

Ir-reviżjoni mhijiex se taffettwa r-regoli tal-Komunità dwar il-kunflitt tal-liġijiet. F'dan il-qasam, il-Kummissjoni ressqet żewġ proposti għal Regolamenti. Proposta għal Regolament dwar il-liġi applikabbli lill-obbligi mhux kuntrattwali (Ruma II) u proposta għal Regolament dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali (Ruma I). Din il-proposta ta' l-aħħar fiha dispożizzjoni li tipproponi regola ta' konflitt fuq il-kuntratti tal-konsumaturi li tikkonsisti fl-applikazzjoni tal-liġi tal-post ta' residenza abitwali tal-konsumatur taħt ċerti kundizzjonijiet..

Bi qbil ma' dak kollu li tħabbar fil-White Paper dwar il-politika tas-servizzi finanzjarji (2005-2010), il-Kummissjoni qiegħda tieħu bosta inizjattivi fis-settur tas-servizzi finanzjarji, b 'mod partikolari fil-qasam tas-servizzi finanzjarji bl-imnut. Fi-dawl tar-riżultati tal-konsultazzjoni, il-Kummissjoni se teżemina sa liema punt kwalunkwe azzjoni leġiżlattiva ta' eżitu se tapplika għas-servizzi finanzjarji. Għandu

---

Rapport Annwali ta' Progress dwar il-Qafas Komuni ta' Referenza […], li għandu jiġi ppubblikat f'fuq il-*web page* tad-DĠ tas-Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur.

9 Ħarsien tal-Konsumatur fis-Suq Intern, stħarriġ ta' l-Eurobarometer li twettaq minn Frar sa Marzu 2006, ippubblikat f'Settembru 2006. (http://ec.europa.eu/consumers/topics/eurobarometer_09-2006_en.pdf)

10 disponibbli fuq http://ec.europa.eu/consumers/cons_int/safe_shop/price_ind/index_en.htm

11 disponibbli fuq http://ec.europa.eu/consumers/cons_int/safe_shop/dist_sell/index_en.htm

12 Ara d-Dokument ta' Konsultazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-Direttiva tat-*Timeshare* fuq http://ec.europa.eu/consumers/cons_int/safe_shop/timeshare/consultation_paper010606_en.doc

mnejn, għalhekk, ikun meħtieġ li l-applikazzjoni tkun eskluża mis-segwitu kollu għal-leġiżlazzjoni tas-settur finanzjarju jew minn parti minnu.

Din il-*Green Paper* tfittex li tiġbor fehmiet mill-partijiet interessati kolha dwar l-għażliet ta' politika possibbli għar-Reviżjoni ta' l-*Acquis* tal-Konsumatur kif ukoll dwar għadd ta' kwistjonijiet speċifiċi.

## 3. IL-KWISTJONIJIET EWLENIN

### 3.1. Żviluppi Ġodda tas-Suq

Bosta direttivi li huma parti mill-*Acquis* tal-Konsumatur huma preskrittivi aktar milli msejsa fuq prinċipji. Ħafna minnhom m'għadhomx jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-swieq tal-lum li qed jevolvu malajr. Dan huwa partikolarment importanti fid-dawl ta' l-importanza li qed tikber tat-teknoloġija diġitali u s-servizzi diġitali (eż dawnlowds tal-mużika), li jqajmu kwistjonijiet kontroversjali relatati mad-drittijiet ta' l-utenti, meta mqabbla mal-bejgħ ta' merkanzija fiżika.

L-iżviluppi teknoloġiċi qed joħolqu mogħdijiet ġodda għat-tranżazzjonijiet bejn in-negozji u l-konsumaturi, li mhumiex koperti mil-leġiżlazzjoni tal-konsumatur. Irkanti onlajn huma eżempju tajjeb ta' dan il-fenomenu. Id-Direttiva dwar Bejgħ mill-Bogħod, pereżempju, li tħejjiet qabel l-espansjoni tal-kummerċ elettroniku ta' dan l-aħħar, tippermetti lill-Istati Membri li jeżentaw l-irkanti. Kif ikkonfermat mill-valutazzjoni tal-liġijiet nazzjonali, l-użu differenti ta' din l-għażla regolatorja mill-Istati Membri toħloq il-frammentazzjoni u wasslet għal żieda fl-ilmenti tal-konsumaturi f'dak li għandu x'jaqsam ma' dawn l-irkanti onlajn[13]. L-esklużjoni tas-softwer u d-*data* mill-ambitu tad-Direttiva dwar Bejgħ lill-Konsumatur għandha mnejn tixpruna 'l-professjonisti biex jevitaw ir-responsabilità għad-danni /nuqqas ta' qbil possibbli ta' tali prodotti permezz ta' kundizzjonijiet fil-Ftehimiet ta' Liċenzji għall-Utent Aħħari (End User Licences Agreements (EULA)), li jipprevenju lill-konsumaturi milli jagħmlu użu mir-rimedji għan-nuqqas ta' qbil u l-invokazzjoni tad-danni[14].

### 3.2. Frammentazzjoni tar-Regoli

Ir-regoli ezistenti ta' l-UE ta' ħarsien għall-konsumatur huma fframmentati bażikament f'żewġ modi. L-ewwel, id-direttivi kurrenti jippermettu lill-Istati Membri li jadottaw regoli aktar stretti fil-liġijiet nazzjonali tagħhom (armonizzazzjoni minima) u ħafna Stati Membri għamlu użu minn din il-possibilità sabiex jiġi żgurat livell ogħla ta' ħarsien tal-konsumatur. It-tieni, ħafna kwistjonijiet huma rregolati b'mod inkonsistenti bejn id-direttivi jew tħallew miftuħa. Matul il-fażi preliminari tar-Reviżjoni, il-partijiet interessati rappreżentanti tan-negozji u l-konsumaturi ġibdu l-attenzjoni lejn għadd ta' eżempji ta' frammentazzjoni regolatorja li joħolqu l-problemi. Dawn huma illustrati fl-Anness I. Id-differenzi ġeneralment joħolqu

13 Ara l-Komuniikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 1997/7EC dwar il-Bejgħ mill-Bogħod.

14 Għal aktar informazzjoni dwar il-problemi li jiltaqgħu magħhom il-konsumaturi f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-EULA ara r-rapport mill-Federazzjoni ta' l-Organizzazzjonijiet Ġermaniżi tal-Konsumatur (vzbv) disponibbli fuq http://www.vzbv.de/mediapics/anlage_pm_digitale_medien_06_2006_copy.pdf.

spejjeż żejda ta' konformità għan-negozji, inklużi l-ispejjeż għall-akkwist ta' pariri legali rilevanti, bdil ta' informazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' materjali jew kuntratti, jew fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, spejjeż possibbli ta' tilwim. Dan huwa ta' spiss ikkwotat mill-intrapriżi bħala raġuni waħda fost oħrajn għalfejn ma jagħmlux kummerċ lil hinn mill-fruntieri. Filwaqt li 19% ta' dawk li jbigħu bl-imnut fl-UE[15] għandhom suq u jagħmlu riklami f'mill-inqas pajjiż wieħed ieħor ta' l-UE, 48% mill-kumpaniji huma lesti li jbigħu lil hinn mill-fruntieri. Daqs 55% ta' dawk li jbigħu bl-imnut li juru interess f'bejgħ transkonfinali jqisu l-ispejjeż żejda ta' konformità mal-liġijiet nazzjonali differenti li jirregolaw it-tranżazzjoni tal-konsumatur bħala ta' importanza kbira jew konsiderevoli. 43% ta' dawk li jbigħu bl-imnut fl-UE jaħsbu li l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-ħarsien tal-konsumatur għandu jkollhom effett pożittiv fuq il-bejgħ transkonfinali tagħhom u fuq il-baġit ta' kummerċjalizzazzjoni transkonfinali tagħhom.

Hemm ukoll każijiet fejn il-professjonisti jirrifjutaw li jbigħu lill-klijenti fi Stati Membri oħra: Eurobarometer ta' dan l-aħħar[16] juri li 33% tal-konsumaturi rrappurtaw li n-negozji rrifjutaw li jbigħu jew iwasslu l-merkanzija jew is-servizzi billi l-konsumatur ma kienx residenti fil-pajjiż tagħhom.

## 3.3. Nuqqas ta' Fiduċja

Skond l-istħarriġ tal-Eurobarometer imsemmi hawn fuq, 26% mill-konsumaturi ta' l-UE xtraw merkanzija u servizzi oħra minn negozji stabbiliti fi Stati Membri oħra[17]. Filwaqt li l-bejgħ mill-bogħod huwa fenomenu li qed jikber, kien hemm 6% biss li xtraw minn fuq l-Internet minn għand fornitur fi Stat Membru ieħor[18]. Raġuni waħda għal din hija li daqs 45% mill-konsumaturi jħossuhom inqas kunfidenti biex jixtru minn fuq l-Internet minn negozji li jinsabu barra l-pajjiż (fi Stat Membru wieħed din iċ-ċifra telgħet għal 73%). Dan jintwera aktar mill-fatt li 44% ta' dawk li kellhom aċċess għall-internet id-dar xtraw lokalment permezz tal-kummerċ elettroniku filwaqt li 12% biss xtraw lil hinn mill-fruntieri permezz ta' l-istess kummerċ. F'termini ġenerali, 56% tal-konsumaturi kienu ta' l-opinjoni li, fix-xiri ta' merkanzija u s-servizzi minn negozji fi Stati Membri oħra, in-negozji x'aktarx ma jkunux jirrispettaw il-liġijiet ta' ħarsien tal-konsumatur. 71% kienu jemmnu li huwa aktar diffiċli ssolvi l-problemi bħalma huma ilmenti, oġġetti rritornati, tnaqqis fil-prezzijiet, garanziji eċċ. meta x-xiri jsir minn negozji ta' Stati Membri oħra. 65% qisuha aktar problematika li jirritornaw prodott waqt il-perjodu ta' tregwa mixtri mill-bogħod meta xtraw minn fornitur fi Stat Membru differenti.

Regoli differenti li jirriżultaw minn armonizzazzjoni minima jista' jkollhom impatt negattiv fuq is-suq intern. Raġuni waħda għalfejn il-konsumaturi ma jħossuhomx imħeġġa għax-xiri transkonfinali hija li l-konsumaturi ma jistgħux ikunu żguri li l-livell ta' ħarsien li jgawdu lokalment se japplika meta jixtru lil hinn mill-fruntiera.

[15] Flash Eurobarometer 186 dwar l-attitudnijiet tan-Negozji lejn il-kummerċ transkonfinali, li twettaq f'Ottubru 2006. Dan l-istħarriġ se jiġi ppubblikat fit-totalità tiegħu fuq il-*web page* tad-DĠ tas-Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur.

[16] L-istħarriġ twettaq minn Frar sa Marzu 2006. Dan l-istħarriġ huwa ppubblikat fit-totalità tiegħu fuq il-*web page* tad-DĠ tas-Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur.

[17] Din iċ-ċifra tirreferi għal xiri transkonfinali matul il-perjodu Frar/Marzu 2005 sa Frar/Marzu 2006.

[18] L-għadd ta' konsumaturi li jixtru minn Stati Membri oħra mill-Internet ivarja minn 1% wieħed biss fil-Greċja, fl-Ungerija u fis-Slovakkja, sa 28% fil-Lussemburgu segwit mid-Danimarka b'19%.

Pereżempju, it-tul tal-perjodu ta' tregwa għall-bejgħ transkonfinali mill-bogħod ivarja bejn l-Istati Membri, filwaqt li joħloq inċertezzi għall-konsumaturi. L-istess japplika għall-modalitajiet ta' l-eżerċitar tad-dritt ta' rtirar u l-ispiża tar-ritorn lura ta' prodotti.

## 4. GĦAŻLIET POSSIBBLI GĦALL-ĠEJJIENI

Fl-Ewwel Rapport Annwali ta' Progress dwar il-Liġi Ewropea tal-Kuntratti u r-Reviżjoni ta' l-Acquis ta' l-2005[19], il-Kummissjoni identifikat żewġ strateġiji ewlenin għar-reviżjoni ta' l-acquis tal-konsumatur: *strateġija vertikali* magħmula mir-reviżjoni individwali tad-direttivi eżistenti, jew *strateġija* aktar *orizzontali* magħmula mill-adozzjoni ta' strument wieħed jew aktar ta' qafas biex jirregola/w il-karatteristiċi komuni ta' l-*acquis*, sostnuti kull meta meħtieġ minn regoli settorjali.

Hija u tittraduċi r-reviżjoni fi proposti konkreti ta' politika, il-Kummissjoni se teżamina bir-reqqa l-impatt ta' proposti bħal dawn, inkluż l-impatt fuq in-negozju.

### 4.1. L-għażla I: l-istrateġija vertikali

Skond l-istrateġija vertikali, id-direttivi eżistenti jistgħu jiġu emendati b'mod separat sabiex jiġu addattati għall-iżviluppi tas-suq u tat-teknoloġija. Il-partijiet neqsin speċifiċi għad-direttivi individwali jistgħu jimtlew u l-partikolaritajiet ta' dawn id-direttivi jistgħu jiġu indirizzati. L-inkonsistenzi bejn id-direttivi differenti jistgħu jiġu eliminati. Madankollu, dan għandu mnejn jieħu ħafna aktar u għandu mnejn ma jiksibx l-effett ta' simplifikazzjoni ta' l-istrateġija orizzontali. L-UE jaf ikollha tindirizza l-istess kwistjonijiet kemm-il darba matul il-proċeduri leġiżlattivi differenti. Il-Kummissjoni tkun trid tiżgura li l-istess kwistjoni hija trasposta b'mod konsistenti mill-Istati Membri għal kull waħda mid-direttivi. Il-volum ta' l-atti leġiżlattivi jista' ma jonqosx u l-istess kunċetti komuni jistgħu jkomplu jinżammu u jiġu rregolati fid-direttivi varji. Madankollu dan jippermetti r-rispett ta' l-ispeċifiċità ta' kull qasam billi jtejjeb il-leġiżlazzjoni eżistenti u jirrevediha meta jkun meħtieġ.

### 4.2. L-Għażla II: l-istrateġija mħallta (Strument orizzontali mħallat flimkien, fejn meħtieġ, ma' l-azzjoni vertikali)

Il-leġiżlazzjoni tal-ħarsien tal-konsumatur sa l-adozzjoni tad-Direttiva dwar il-Prassi Kummerċjali Inġusta (*Unfair Commercial Practices Directive* ("UCP"))[20] fl-2005 kienet l-aktar imsejsa fuq l-istrateġija vertikali, maħsuba biex tipprovdi soluzzjonijiet speċifiċi għal problemi partikolari. Din l-istrateġija, iżda, wasslet għal ambjent regolatorju fframmentat. Ir-relazzjoni bejn l-istrumenti differenti xi drabi mhijiex ċara billi t-terminoloġija legali, kif ukoll id-dispożizzjonijiet rilevanti, mhumiex ikkoordinati biżżejjed. Per eżempju, jekk it-*timeshare* jinbiegħ minn bejjiegħ bieb bieb, mhuwiex ċar liema mit-tagħrif differenti u mid-dispożizzjonijiet ta' rtirar tad-Direttivi tal-Bejgħ Bieb Bieb u tat-*Timeshare* japplikaw[21].

Tnediet strateġija "orizzontali" aktar integrata permezz tal-UCP.

---

[19] COM (2005) 456 finali.

[20] Direttiva 2005/29/KE.

[21] Din is-sitwazzjoni hija indirizzata fil-każ tal-Qorti tal-Ġustizzja Tavel Vac, Kaz C-423/97.

Hemm għadd ta' kwistjonijiet li huma komuni għad-direttivi kollha li jiffurmaw parti mill-*acquis* tal-Konsumatur. Id-definizzjonijiet ta' nozzjonijiet bażiċi bħal *konsumatur* u *professjonista,* it-tul tal-perjodi ta' tregwa u l-modalitajiet għall-eżerċiżżju tad-dritt ta' rtirar huma eżempji ta' kwistjonijiet li huma ta' rilevanza fil-kuntest ta' bosta direttivi. Dawn il-kwistjonijiet komuni jistgħu jinqalgħu mid-direttivi eżistenti u jiġu rregolati b'mod sistematiku fi strument orizzontali. Flimkien mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tat-Termini Inġusti, billi din għandha karattru orizzontali, jistgħu jiffurmaw il-parti ġenerali ta' l-istrument billi jkunu jistgħu japplikaw għall-kuntratti kollha tal-konsumaturi. Parti oħra mill-istrument orizzontali tkun tista' tirregola l-kuntratt tal-bejgħ, li huwa l-kuntratt l-aktar komuni u wiesa' tal-konsumaturi. Għal din ir-raġuni, id-Direttiva dwar Bejgħ lill-Konsumatur tkun tista' tiġi inkluża fl-istrument orizzontali. Din l-istrateġija tkun tista' tissimplifika u tirrazzjonalizza l-*acquis* tal-konsumatur f'konformità mal-prinċipji tar-Regolamentazzjoni Aħjar[22]. Tkun tista' tirrevoka, permezz ta' eżerċizzju ta' kitba mill-ġdid, id-direttivi eżistenti tal-konsumatur bis-sħiħ jew parzjalment, biex b'hekk jitnaqqas il-volum ta' l-*acquis*.

L-istrument orizzontali jkollu jiġi kkumplimentat b'ċerti numri ta' azzjonijiet vertikali (eż. ir-reviżjoni tad-direttiva tat-*timeshare* biex tindirizza l-problemi speċifiċi tagħha, bħalma hija d-definizzjoni tat-*timeshare)* kull meta meħtieġ ("strateġija mħallta").

### 4.3. L-Għażla III: "ebda azzjoni leġiżlattiva"

Kemm l-istrateġiji orizzontali kif ukoll dawk vertikali jeħtieġu azzjoni leġiżlattiva. Ebda azzjoni leġiżlattiva tkun tfisser li l-frammentazzjoni regolatorja eżistenti tista' tibqa jew tista' tiżdied permezz ta' l-użu mill-Istati Membri ta' klawżoli ta' armonizzazzjoni minima. L-inkonsistenzi bejn id-direttivi differenti jibqgħu jippersistu.

### 4.4. L-ambitu possibbli ta' Strument Orizzontali

Jekk tiġi segwita l-Għażla II, kwistjoni importanti li għandha titqies se tkun dik ta' l-ambitu ta' l-istrument orizzontali. Taħt l-istrateġija mħallta, soluzzjoni possibbli tkun dik ta' l-adozzjoni ta' strument ta' qafas b'kopertura wiesgħa, applikabbli kemm għat-tranżazzjonijiet lokali kif ukoll għal dawk transkonfinali. Il-ħolqien ta' strument wieħed għall-kuntratti kollha tal-konsumaturi jkun jista' jissimplifika l-ambjent regolatorju b'mod sinifikattiv, kemm għall-konsumaturi kif ukoll għan-negozji. Madankollu, fejn jeżistu regoli speċifiċi għas-settur (bħal pereżempju, fis-servizzi finanzjarji u fl-assigurazzjoni) huma jkomplu jiddominaw, sakemm ma jkunx stipulat xort'oħra. Eżempji ta' dawn ir-regoli huma d-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-perjodu ta' kanċellazzjoni u d-definizzjoni ta' konsumatur fil-qasam tas-servizzi finanzjarji[23].

L-introduzzjoni ta' strument orizzontali li japplika esklussivament għall-kuntratti transkonfinali tista' tkun alternattiva. In-nozzjoni ta' kuntratt transkonfinali mbagħad

[22] Ir-reviżjoni ta' l-*acquis* tal-konsumatur hija mniżżla fil-Programm Kontinwu ta' Simplifikazzjoni mehmuż mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Ottubru 2005 dwar is-simplifikazzjoni. COM (2005) 535 - li jimplimenta l-programm Komunitarju ta' Liżbona – Strateġija għas-simplifikazzjoni ta' l-ambjent regolatorju.

[23] Eż. L-Artikolu 35 u l-Anness III tar-Direttiva Riformulata dwar l-Assigurazzjoni fuq il-Ħajja 2002/83/KE; L-Artikolu 31 tat-Tielet Direttiva dwar l-Assigurazzjoni Mhux tal-Ħajja 92/49/KEE.

ikollha tkun definita (eż. il-kuntratti distanti kollha konklużi minn konsumatur u professjonista minn żewġ Stati Membri differenti). Għalhekk, il-konsumaturi li jkollhom x'jaqsmu ma' professjonista barrani jkunu jistgħu jibbenefikaw minn ħarsien uniformi madwar l-UE. Din l-alternattiva tista', fuq naħa waħda, iżżid il-fiduċja tal-konsumatur fil-kummerċ transkonfinali iżda, fuq in-naħa l-oħra, tista' żżid il-frammentazzjoni legali, billi tissottometti l-konsumaturi u l-professjonisti għal sensiela ta' regoli differenti li jiddependu minn jekk it-tranżazzjoni hijiex transkonfinali jew lokali. Tista' wkoll tnaqqas il-valur ta' regolazzjoni aħjar ta' l-istrument orizzontali.

Alternattiva oħra tista' tkun strument orizzontali limitata għal xiri distanti kemm jekk transkonfinali kif ukoll jekk lokali, li tkun tieħu post id-Direttiva dwar Bejgħ mill-Bogħod. Din tista' toħloq sensiela ta' regoli uniformi għall-kuntratti distanti. Għal darb'oħra, l-iżvantaġġ ewlieni jkun li jkunu japplikaw kundizzjonijiet differenti għal tranżazzjonijiet distanti u għal dawk magħmula wiċċ imb'wiċċ,u b'hekk tiżdied il-frammentazzjoni legali u jitnaqqas il-valur tagħha ta' regolazzjoni aħjar.

## 4.5. Il-grad ta' Armonizzazzjoni

Indipendentement mill-għażla magħmula biex jiġi rrivedut l-*acquis*, il-grad ta' armonizzazzjoni jrid ukoll jiġi deċiż.

Id-direttivi attwali ta' ħarsien għall-konsumatur, li qegħdin jiġu riveduti, huma msejsa fuq armonizzazzjoni minima, jiġifieri fihom klawżoli li taħthom l-Istati Membri huma permessi li jkollhom livelli ta' ħarsien ogħla minn dawk stipulati mid-direttivi. Ħafna Stati Membri għamlu użu minn din il-possibilità, eż billi pprovdew perjodi itwal ta' tregwa mill-perjodi minimi stipulati fid-Direttivi dwar il-Bejgħ mill-Bogħod, il-Bejgħ Bieb Bieb, u dik tat-*Timeshare.*

Għalhekk il-konsumaturi ma jistgħux ikunu ċerti li l-livell ta' ħarsien li huma mdorrijin bih f'pajjiżhom huwiex se japplika meta jixtru lil hinn mill-fruntiera, filwaqt li n-negozji jistgħu jaqtgħu qalbhom milli jikkummerċjalizzaw il-prodotti tagħhom jew is-servizzi madwar l-UE minħabba minħabba l-fatt li jridu jkunu konformi ma' regoli differenti f'kull Stat Membru.

Bħala soluzzjoni għal din il-problema, possibilità waħda tista' tkun ir-reviżjoni ta' l-*Acquis* tal-Konsumatur bl-għan li tintlaħaq armonizzazzjoni sħiħa. Din tkun tfisser li l-ebda Stat Membru ma jkun jista' japplika regoli aktar stretti minn dawk stipulati f'livell Komunitarju. Armonizzazzjoni sħiħa ma tkunx timplika biss ir-revoka tal-klawżoli ta' l-armonizzazzjoni minima; iżda tkun timplika wkoll it-tneħħija ta' l-għażliet regolatorji disponibbli lill-Istati Membri fuq aspetti speċifiċi permezz ta' xi dispożizzjonijiet fid-direttivi, li jista' jirriżulta f'bidla fil-livell ta' ħarsien tal-konsumatur f'uħud mill-Istati Membri.

Pereżempju, għar-regolazzjoni tal-limiti ta' ħin tal-garanzija legali imposta fuq il-bejjiegħ, l-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar Bejgħ ta' Prodotti lill-Konsumaturi jippermetti lill-Istati Membri jistipulaw li, biex jibbenefikaw mid-drittijiet tagħhom, il-konsumaturi għandhom jinfurmaw lill-bejjiegħ bin-nuqqas ta' konformità fi żmien perjodu ta' xahrejn mid-data tas-sejba. Għażliet bħal dawn għall-Istati Membri jgħibu. Il-verifiki ta' traspożizzjoni kkonfermaw li għadd sinifikanti ta' Stati Membri għamlu użu minn għażliet regolatorji bħal dawn. Abbażi ta' l-istrateġija ta'

armonizzazzjoni sħiħa, jkollha ssir għażla bejn is-soluzzjonijiet differenti, pereżempju bl-eliminazzjoni jew bil-ġeneralizzazzjoni ta' l-impenn ta' avviż lill-bejjiegħ rigward in-nuqqas ta' konformità f'perjodu speċifiku ta' żmien.

Madankollu, billi jista' jkun diffiċli li tinkiseb l-armonizzazzjoni sħiħa fl-aspetti kollha, u sabiex jiġi evitat il-ħolqien mill-ġdid ta' ostakoli għas-suq intern, strateġija armonizzata fuq bażi ta' każ b'każ jaf ikollha tkun ikkumplimentata minn klawżola li tipprovdi għal rikonoxximent reċiproku għal ċerti aspetti koperti mil-leġiżlazzjoni proposta iżda mhux armonizzati għal kollox.

Għażla oħra għalhekk tista' tkun li tikkombina l-armonizzazzjoni minima ma' klawżola ta' rikonoxximent reċiproku. F'dan il-każ l-Istati Membri jkunu jistgħu jżommu l-possibilità li jintroduċu regoli ta' ħarsien għall-konsumatur iktar stretti fil-liġijiet nazzjonali tagħhom, iżda ma jkunux intitolati li jimponu r-rekwiżiti aktar stretti tagħhom stess fuq in-negozji stabbiliti fi Stati Membri oħra b'mod li jistgħu jinħolqu restrizzjonijiet mhux ġustifikati għall-moviment ħieles tal-merkanzija jew għall-libertà ta' provvista ta' servizzi.

Fl-aħħar nett, għażla oħra tkun armonizzazzjoni minima eventwalment ikkombinata ma' l-approċċ tal-pajjiż ta' oriġini. Din il-kombinazzjoni tkun tfisser li Stat Membru jżomm il-possibilità li jintroduċi regoli ta' ħarsien tal-konsumatur aktar stretti fil-liġi nazzjonali tiegħu, iżda l-istabbilimenti ta' negozju fi Stati Membri oħra jkunu jridu biss iħarsu r-regoli applikabbli f'pajjiżhom.

Madankollu, dawn l-għażliet ma jissimplifikawx u ma jirrazjonalizzawx l-ambjent regolatorju. Il-frammentazzjoni regolatorja tibqa' teżisti u l-effetti negattivi tagħha fuq il-fiduċja tal-konsumaturi fis-suq intern ma tkunx twarrbet. Fin-nuqqas ta' regola li tiddetermina l-liġi tan-negozjant bħala l-liġi applikabbli, imħallef b'ġurisdizzjoni fuq kawża transkonfinali (jiġifieri normalment l-imħallef ta' pajjiż id-destinazzjoni) jkollu jqabbel b'mod sistematiku l-liġi tal-pajjiż tal-konsumatur ma' dik tal-pajjiż ta' oriġini. Imbagħad ikollu jevalwa sa fejn il-liġi tal-pajjiż ta' destinazzjoni tmur lilhinn mil-livell ta' ħarsien stipulat fil-liġi ta' pajjiż in-negozjant u, jekk id-diverġenza tikkostitwixxi restrizzjoni mhux ġustifikata, iġib fix-xejn l-applikazzjoni tar-rekwiżiti aktar stretti. Din il-proċedura ta' ngombru ma ttejjibx iċ-ċertezza legali.

Dawn iż-żewġ għażliet ma jistawx jipprovdu ukoll għal soluzzjoni li tiżgura l-livell għoli komuni ta' ħarsien tal-konsumaturmeħtieġ mit-Trattat.

### 4.6. Il-konsultazzjoni fl-Anness I

L-Anness I fih il-lista ta' punti u kwistjonijiet li tqiegħdu għall-konsultazzjoni. Il-biċċa l-kbira huma marbuta mal-kwistjonijiet orizzontali jew li jolqtu aktar minn qasam wieħed li jistgħu jiġu ttrattati fil-kuntest ta' l-istrateġija mħallta. L-istrateġija vertikali, li tikkonċerna d-direttivi speċifiċi, ma titlobx lista estiża ta' punti jew kwistjonijiet; dawn ġew ittrattati fil-kuntest tal-konsultazzjonijiet differenti organizzati mill-Kummissjoni, kif deskritt fil-punt 2.1 tal-*Green Paper*.

Mir-reviżjoni feġġew għadd ta' kwistjonijiet li jolqtu aktar minn qasam wieħed. Dawn il-kwistjonijiet jirriflettu n-nuqqasijiet regolatorji u n-nuqqasijiet rigward il-ħarsien tal-konsumatur fl-*acquis*. Fil-parti l-kbira tal-każijiet, li nġiebu għall-attenzjoni tal-Kummissjoni permezz ta' diversi partijiet interessati ta' negozji u ta'

konsumaturi, il-kwistjonijiet jinħolqu mill-użu tal-klawżoli minimi u mill-għażliet regolatorji ta' l-Istati Membri.

Dawn il-kwistjonijiet jinġabru f'żewġ kategoriji; dawk li huma komuni għall-acquis kollu (eż. id-definizzjoni tal-konsumatur) jew għal aktar minn direttiva waħda (eż. id-dritt ta' rtirar), u dawk li huma speċifiċi għall-kuntratt ta' bejgħ, li huwa fil-wisa' l-kuntratt predominanti tal-konsumatur.

Rigward l-ewwel grupp, il-Kummissjoni tħoss li definizzjoni konsistenti tan-nozzjonijiet tal-konsumaturi u tal-professjonisti hija importanti billi tippermetti delimitazzjoni aktar preċiża tal-medda ta' l-acquis.

Għażla oħra li tasal iktar 'il bogħod hija l-possibilità ta' l-introduzzjoni ta' prinċipju ġenerali ta' rieda tajba u trattament ġust fit-tranżazzjonijiet kuntrattwali. L-inklużjoni ta' prinċipju bħal dan, li jkun jista' jservi bħala xibka ta' salvataġġ, ikun jista' jimla kwalunkwe qabża regolatorja u jiżgura li l-acquis jibqa' bħala prova għall-ġejjieni.

Għadd ta' kwistjonijiet jirreferu għad-Direttiva dwar Termini Inġusti tal-Kuntratti, li hija l-unika direttiva li tapplika għat-tipi kollha ta' kuntratti tal-konsumatur, li tkopri kemm il-prodotti kif ukoll is-servizzi. L-importanza prattika ta' dawn il-kwistjonijiet tidher fil-proporzjon notevoli ta' lmenti li jaslu fiċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi li għandhom x'jaqsmu mat-termini tal-kuntratti[24]. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tixtieq, fost affarijiet oħra, tqajjem il-kwistjoni jekk il-ħarsien offrut mid-direttiva għandux jiġi estiż biex ikopri termini negozjati individwalment.

Kwistjonijiet bħad-dritt għall-irtirar, li huwa rimedju tipiku offrut lill-konsumatur minn bosta direttivi, u l-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tiegħu huma wkoll indirizzati.

L-introduzzjoni ta' rimedji ġenerali kuntrattwali, inkluż dritt ġeneralizzat għad-danni tissemma wkoll. In-nuqqas ta' rimedji ġenerali fl-*acquis* jista' joħloq defiċit ta' ħarsien għall-konsumatur, li jkun jista' jiġi indirizzat f'dan il-kuntest.

Rigward il-bejgħ ta' merkanzija, xi mistoqsijiet importanti jirreferu għall-kjarifika u l-estensjoni possibbli tal-medda sabiex tinkludi merkanzija mhux tanġibbli, bħal softwer u *data.* Xi mistoqsijiet oħra jkopru kunċetti ewlenin bħat-twassil, it-trasferiment ta' riskju u l-ġerarkija tar-rimedji. Fl-aħħar, jissemmew ukoll l-introduzzjoni possibbli tar-responsabilità diretta tal-produttur, u l-kontenut tal-garanziji kummerċjali

L-Anness I jiddeskrivi kull waħda minn dawn il-kwistjonijiet:

| | |
|---|---|
| 1 | L-istrateġija ġenerali leġiżlattiva |
| 2 | L-ambitu possibbli ta' Strument Orizzontali |
| 3 | Il-grad ta' Armonizzazzjoni |
| 4.1 | Id-definizzjoni ta' "konsumatur" u ta' "professjonista" |
| 4.2 | Il-konsumaturi li jaġixxu permezz ta' intermedjarju |

24 Iċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi jirrapportaw li 10% ta' l-ilmenti li saru fl-2005 kellhom x'jaqsmu ma' termini inġusti.

| | |
|---|---|
| 4.3 | L-introduzzjoni ta' klawżola ġenerali ta' rieda tajba u ta' trattament ġust |
| 4.4.1 | L-estensjoni ta' l-ambitu tat-test dwar l-inġustizzja tat-termini negozjati |
| 4.5 | L-effetti legali tal-lista ta' termini inġusti |
| 4.6 | L-ambitu tat-test ta' l-inġustizzja: il-prezz u s-suġġett tal-kuntratt |
| 4.7 | Il-provvediment għall-effetti kuntrattwali fin-nuqqas ta' l-għoti ta' informazzjoni |
| 4.8.1 | L-armonizzazzjoni tat-tul tal-perjodi ta' tregwa |
| 4.8.2 | L-armonizzazzjoni tal-modalitajiet fl-eżerċitar tad-dritt ta' rtirar |
| 4.8.3 | L-armonizzazzjoni ta' l-ispiża imposta fuq il-konsumatur f'każ ta' rtirar |
| 4.9 | L-introduzzjoni tar-rimedji kuntrattwali ġenerali |
| 4.10 | L-introduzzjoni tad-dritt għad-danni |
| 5.1 | L-estensjoni ta' l-ambitu ta' l-applikazzjoni għal xorta oħra ta' kuntratti |
| 5.2 | Merkanzija użata mibjugħa f'irkanti pubbliċi |
| 5.3 | Id-definizzjoni tat-twassil |
| 5.4 | It-trasferiment tar-riskju |
| 5.5.2 | Il-limitu ta' żmien għan-nuqqas ta' konformità |
| 5.5.3 | Ir-regoli speċifiċi f'difetti rikorrenti |
| 5.5.4 | Ir-regola speċifika dwar merkanzija użata |
| 5.6 | L-oneru tal-prova |
| 5.7 | Il-modifikazzjoni ta' l-ordni li fiha r-rimedji jistgħu jiġu rrevokati |
| 5.8 | In-notifika tan-nuqqas ta' konformità |
| 5.9 | Ir-responsabilità diretta tal-produtturi fin-nuqqas ta' konformità |
| 5.10.1 | L-introduzzjoni ta' regoli ta' bażi fuq il-kontenut tal-garanzija kummerċjali |
| 5.10.2 | It-trasferiment tal-garanzija kummerċjali |
| 5.10.3 | Il-garanziji kummerċjali għall-partijiet speċifiċi |
| 6 | Kwistjonijiet oħrajn |

## ANNEX I

### ISSUES FOR CONSULTATION

When answering the questions below, contributors are encouraged to motivate their answers. It should be noted that all options indicated are non-exhaustive; other solutions may also be put forward.

**1. General Legislative Approach**

As indicated **in section 4 above, there are different alternatives available to reviewing the consumer legislation.**

Mistoqsija A1: Fl-opinjoni tiegħek, liema hija l-aħjar strateġija għar-revizjoni tal-leġiżlazzjoni tal-konsumatur?

***Għażla 1*: Strateġija vertikali magħmula mir-reviżjoni tad-direttivi individwali.**

***Għażla 2*: Strateġija mħallta li tgħaqqad l-adozzjoni ta' strument ta' qafas li jindirizza kwistjonijiet orizzontali li huma ta' rilevanza għall-kuntratti kollha tal-konsumaturi ma' reviżjonijiet ta' direttivi settorjali eżistenti kull meta meħtieġ.**

***Għażla 3*: *Status quo*: l-ebda reviżjoni.**

2. **Scope of a Horizontal Instrument**

**Section 4.4 above highlights different options as to the scope of a possible horizontal instrument. One option would be to adopt a framework instrument with broad coverage, applicable to both domestic and cross-border transactions. Alternatively, the horizontal instrument could cover cross-border contracts only. A third alternative would be to limit the scope of application of the instrument to distance contracts concluded cross-border and domestically.**

Mistoqsija A2: X'għandu jkun l-ambitu ta' strument orizzontali possibbli?

***Għażla 1*: Ikun japplika għall-kuntratti kollha tal-konsumatur kemm jekk dawn ikollhom x'jaqsmu ma' tranżazzjonijiet lokali kif ukoll ma' tranżazzjonijiet transkonfinali.**

***Għażla 2*: Ikun japplika biss għal kuntratti transkonfinali.**

***Għażla 3*: Ikun japplika għal kuntratti distanti biss kemm jekk ikunu ġew konklużi fuq bażi transkonfinali kif ukoll lokalment.**

3. **Degree of Harmonisation**

Section 4.5 above discusses the degree of harmonisation that future consumer protection legislation should be based on. Current legislation allows Member States to adopt more stringent national rules through the use of minimum clauses. The resulting fragmentation of rules may create internal market barriers and deter consumers from shopping cross-border. Full harmonisation could represent an option

for addressing this problem. A second option would be to keep the minimum harmonisation approach. Minimum harmonisation, as indicated above, could be combined with a mutual recognition clause or with the country of origin principle. However, this option would not simplify and rationalise the regulatory environment. Regulatory fragmentation would continue to exist and its negative effects on consumers' confidence in the internal market would not be removed.

**Mistoqsija A3: X'għandu jkun il-livell ta' armonizzazzjoni tad-direttivi riveduti/ ta' l-istrument il-ġdid?**

*Għażla 1*: Il-leġiżlazzjoni reveduta tkun tissejjes fuq armonizzazzjoni sħiħa ikkumplementata fuq kwistjonijiet mhux kompletament armonizzati ma' klawżola ta' rikonoxximent reċiproku.

*Għażla 2*: Il-leġiżlazzjoni reveduta tkun tissejjes fuq armonizzazzjoni minima kkombinata ma' klawżola ta' rikonoxximent reċiproku jew mal-prinċipju tal-pajjiż ta' l-oriġini.

## 4. Horizontal Issues

### *4.1 Definition of "consumer" and "professional"*

Currently the directives do not have coherent definitions of the concepts of “consumer” and “professional”, although these are fundamental concepts for the application of the consumer acquis. There is no serious justification in terms of the specific purposes of the relevant directives. The uncertainty this causes is aggravated by the fact that the Member States use the minimum clause to extend the vague definitions in different ways. Several stakeholders advocate strongly in favour of consistent definitions of consumer and professional to avoid confusion. In this respect it is also important to ensure coherence with definitions used in other areas of Community legislation.

For instance, the Directive on Doorstep Selling defines consumer as a natural person who is acting for purposes “which can be regarded as outside his trade or profession”. The Directive on Price Indications refers to any natural person “who buys a product for purposes that do not fall within the sphere of his commercial or professional activity” and the Unfair Contract Terms Directive refers to “purposes which are outside his trade, business or profession”.

Differences between Member States can be noted for example when it comes to individuals buying a product to be used both privately and professionally, e.g. when a doctor buys a car and occasionally uses it to visit his patients. Several Member States have granted natural persons acting for purposes which fall primarily outside their trade, business or profession the same protection as consumers. In addition some businesses, such as individual entrepreneurs or small businesses may sometimes be in a similar situation as consumers when they buy certain goods or services which raises the questions whether they should benefit to a certain extent from the same protection provided for to consumers. During the review the widening of the definitions to cover transactions for mixed purposes should be considered.

Similarly the professional is referred to variously as “trader”, “seller”, “supplier” etc, depending on the directive. The definitions vary as well: The Distance Selling

Directive, for instance, defines the "supplier" as "any natural or legal person who … is acting in his commercial or professional capacity", whereas the Unfair Contract Terms Directive refers to a "seller or supplier" as a natural or legal person who "is acting for purposes relating to his trade, business or profession, whether publicly or privately owned". To overcome the current inconsistencies the notion of "professional" could replace the variety of terms in the existing Directives and apply to all persons who are not deemed to be consumers.

Mistoqsija B1: Kif għandha tkun id-definizzjoni tal-kunċetti ta' konsumatur u ta' professjonist?

***Għażla 1*: Ikun jista' jsir allinjament tad-definizzjonijiet eżistenti fl-*acquis*, mingħajr ma' jinbidel l-ambitu tagħhom. Il-konsumaturi jkunu jistgħu jiġu definiti bħala persuni naturali li jaġixxu għal għanijiet li jinsabu barra l-linja tan-negozju, il-linja kummerċjali jew dik professjonali tagħhom. Il-professjonisti jkunu jistgħu jiġu ddefiniti bħala persuni (legali jew naturali) li jaġixxu għall-għanijiet li għandhom x'jaqsmu mal-linja ta' negożju, mal-linja kummerċjali jew dik professjonali tagħhom.**

***Għażla 2*: Il-kunċetti ta' konsumatur u ta' professjonist ikunu jistgħu jespandu biex jinkludu l-persuni naturali li jaġixxu għal għanijiet li jaqgħu *primarjament* barra (il-konsumatur) jew li jaqgħu *primarjament* fi ħdan (il-professjonist) il-linja tan-negozju, il-linja kummerċjali jew dik professjonali tagħhom.**

### 4.2 *Consumers acting through an intermediary*

A consumer is not protected by the acquis when his/her contractual counterpart is another private person. The same goes for the case when an individual is represented by a commercial agent, broker or any other intermediary. A practical example of this is when a car dealer sells a second-hand car on behalf of one consumer to another consumer. It has been argued that in these cases consumers need similar protection as in an ordinary business-to-consumer contract since the other party will benefit from the professional expertise of the intermediary and some Member States have chosen to extend consumer protection to these situations.

However, it may be very difficult to establish clear criteria as to when the role of the intermediary is so strong as to warrant consumer protection. There may be a risk of unforeseen and negative knock-on effects on markets on which private persons trade with private persons.

Against applying consumer protection rules to private sellers it could also be argued that a private person might not realise that contracting a professional as her or his intermediary will put her or him in a position equivalent to a professional. On the other hand, a consumer who concludes a contract with a professional acting as intermediary for a private person may be more in need of protection than his contractual counterpart.

It should be noted that the notion of intermediary would not include trading platforms for sellers and consumers, e.g. on the Internet, where the platform provider is not involved in the conclusion of the contract. The role of intermediaries in

electronic commerce, including search engines and auction platforms, is currently being examined in a different context and therefore not covered by this review[25].

> Mistoqsija B2: Il-kuntratti bejn persuni privati għandhom jitqiesu bħala kuntratti tal-konsumatur meta waħda mill-partijiet taġixxi permezz ta' intermedjarju professjonali?
>
> ***Għażla 1*: *Status quo*: il-ħarsien tal-konsumatur ma' jkunx japplika għal kuntratti mill-konsumatur għall-konsumatur fejn parti waħda tagħmel użu minn intermedjarju professjonali għall-konklużjoni tal-kuntratt.**
>
> ***Għażla* 2: Il-kunċett ta' kuntratti tal-konsumatur ikun jinkludi sitwazzjonijiet fejn parti waħda taġixxi permezz ta' intermedjarju professjonali.**

### *4.3 The concepts of good faith and fair dealing in the Consumer Acquis*

The consumer acquis on contract law does not include a general duty to deal fairly or to act in good faith. A general clause referring to the concept of (un-)fairness exists in Article 5 of Directive on Unfair Commercial Practices, which concerns marketing practices, but which does not apply to contracts[26]. Article 3 (1) of Directive 93/13/EEC on Unfair Terms in Consumer Contracts constitutes a general clause referring to "(un-) fairness" and contains a definition of that term for the purposes of the Directive.

The main advantage of an overarching general clause for consumer contracts in the horizontal instrument would be the creation of a tool which would provide guidance for the interpretation of more specific provisions and would allow the courts to fill gaps in the legislation by developing complementary rights and obligations. It could therefore provide a safety net for consumers and create certainty for producers by filling gaps in legislation. In addition, a general provision may also be a useful tool when interpreting clauses contained in offers or contracts and it may as well respond to the criticism that certain directives or provisions are not time-proof. A general provision could be built round the phrase "good faith and fair dealing". This includes the idea that they show due regard to the interests of the other party, considering the specific situation of certain consumers.

The disadvantage of such a general clause is that it does not encompass precisely the rights and obligations imposed on each party. Its interpretation may vary from Member State to Member State.

If included, such a general principle should apply from the negotiation phase to the execution of the contract, including remedies. It would also prevent the emergence of the kind of problems encountered with the current consumer protection directives, due to legislation being overtaken by technological and market developments.

> Mistoqsija C: Għandu strument orizzontali jinkludi impenn dominanti għall-

---

